**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 26 TA' NOVEMBRU 2020**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Nru. 14/2019 RGM**

**Saviour Caruana u Victor Caruana**
**Vs**
**Marianne Caruana**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Saviour Caruana u Victor Caruana** prezentat fid-9 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm premessi qed jitolbu li l-Qorti tordna l-bejgh tas-sehem indiviz tal-intimata Marianne Caruana rigwardanti kwart indiviz mill-fondi 238 u 239 mill-artijiet maghrufa bhala Tal-Hawlija ossija Tal-Masrija jew Tas-Salib fil-limiti tal-Mellieha fi Triq il-Garzella kantuniera ma' Triq il-Fortizza, tal-kejl ta' cirka 437.25 m.k. liberu u frank, bil-pussess battal skond konvenju tal-15 ta' Marzu 2018.

Rat ir-**Risposta tal-intimata Marianne Caruana** prezentata fit-22 ta' Marzu 2019 li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija qed topponi ghar-rikors promotur.

Rat il-provi imressqa mill-partijiet.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin Abela nominat b'digriet tal-4 ta' Ottubru 2019; prezentat fit-2 ta' Jannar 2020 u mahluf fil-21 ta' Jannar 2020.

Rat id-domandi in eskussjoni prezentati mill-intimata fit-3 ta' Marzu 2020 u r-risposti tal-perit tekniku prezentati fid-9 ta' Marzu 2020.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2020.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Mill-atti jirrizulta illi l-kontendenti akkwistaw il-fondi fuq imsemmija in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor John Debono ppubblikat fit-18 ta' Jannar 1991.

Permezz ta' konvenju datat 15 ta' Marzu 2018 ir-rikorrenti obbligaw ruhhom li jbieghu lil certu Brian Azzopardi z-zewg plots fuq imsemmija ghall-prezz ta' €930,000 bil-kondizzjoni illi l-intimata tirratifika l-imsemmi konvenju u fin-nuqqas jittiehdu l-proceduri odjerni.

L-intimata qed topponi it-talba ghall-bejgh sfurzat tas-sehem taghha u teccepixxi (1) illi gia hemm kawza pendenti bejn ir-rikorrent Victor Caruana u martu l-intimata Marianne Caruana, kawza ta' separazzjoni, fejn parti mill-mertu huwa id-divizzjoni tas-sehem indiviz taghhom fl-immobbli mertu tal-kawza odjerna; (2) illi l-Artikolu 495A ma hux intiz ghall-bejgh ta' sehem indiviz minn proprjeta' immobiljari izda huwa intiz ghall-bejgh tal-proprjeta' komuni fl-intier taghha; (3) illi l-gudizzju ma hux integru ghaliex ix-xerrej prospettiv ma hux parti f'dawn il-proceduri; (4) illi l-bejgh propost u l-kundizzjonijiet marbuta mieghu jippregudikaw gravement lill-intimata senjatament ghaliex fost l-ohrajn l-immobbli de quo jista' jgib prezz ahjar fis-suq; illi t-terminu tal-konvenju de quo huwa wiehed twil u ma jirriflettix il-potenzjal tal-istess proprjeta'; (5) l-intimata ma gietx avvicinata qabel gew intavolati dawn il-proceduri rigward il-bejgh ta' din il-proprjeta' u ghalhekk m'ghandiex tbati spejjez; (6) dejjem kien hemm ir-rimedju tad-divizzjoni fizika tal-proprjeta' skond il-ligi.

Ikkonsidrat;

Ir-rikorrenti resqu din l-azzjoni imsejsa fuq l-Artikolu 495A tal-Kapitolu 16 sabiex jitolbu lill-Qorti tordna l-bejgħ tas-sehem indiviz li l-intimata ghandha fl-immobbli imsemmi ammontanti ghal kwart (1/4) indiviz tal-istess.

Ikkunsidrat

**L-Ewwel sub-artikolu tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 jipprovdi** ssegwenti:

“(1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta’indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta’ xi proprjetà partikolari

bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."

L-istess Artikolu jkompli jiddelinja r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti proprju fit-tieni u r-raba' sub-artikoli:

"(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.

[...]

(4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti."

B'mod ġenerali, l-għan ta' dan l-artikolu kien intiż biex jiffaċilità t-trasferiment ta' proprjetà fl-intier tagħha meta jkun hemm proprjetarji ta' minoranza ta' ishma li għal raġuni jew oħra ma jridux jew ma jistgħux jersqu għat-trasferiment tal-intier tal-proprjetà in komun. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Sharon Felice et. vs Owen Sultana"** (Rik 991/16) mogħtija fid-29 ta' Marzu 2019:-

"L-iskop ta' dan l-artikolu tal-ligi, kien intiz sabiex jiffacilita t-trasferiment ta' proprjeta`, skont ir-rieda tal-akbar ghadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma, meta jkun hemm komproprjetarji ta' minoranza ta' ishma, li ghal xi raguni jew ohra, ma jkunux iridu jersqu ghat-trasferiment tal-proprjeta` mizmuma in komun. Il-ligi tpoggi parametri cari ghal dan it-tip ta' trasferiment ta' proprjeta`,

sabiex ma jsirx abbuz, sfruttament jew fi kliem il-ligi, id-drittijiet tal-komproprjetarji dissidenti, ma jkunux "gravament pregudikati"[1]

Filwaqt li din il-liġi tirregola bejgħ sfurzat għar-rigward tal-minoranza dissendenti, huwa d-dover tal-Qorti li tara u tassugura li ma jsirx abbuż, sfruttament u li l-minoranza ma tbagħti ebda preġudizzju. Għalhekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Frar 2017 mill-Prim'Awla diversament preseduta fl-ismijiet **Josephine Grech pro et noe vs. George Joseph Parnis** (Rik. Ġur. Nru 168/16 LM)[2]:

"l-artikolu 495A tal-Kap 16 huwa eżemplari eċċelenti ta' dan il-kompromess. Propjetà li titħalla mhux maqsuma għal iktar minn għaxar snin [Jew ghal tlett snin fil-każ ta' wirt li jigi fis-sehh wara l-1 ta' April, 2016], li huwa diġa perjodu twil ħafna, tista' tinbiegħ mill-komproprjetarji li jkollhom il-maġġoranza tal-ishma b'kundizzjoni waħda suprema: li l-komproprjetarji dissidenti ma jkunux gravement ppreġudikati. Għalhekk mhux bizzejjed li jigu ppreġudikati, imma jinħtieg li jkunu gravament ippreġudikati. Hawn il-leġislatur qed jagħmilha ċara li anke jekk il-kundizzjonijiet tal-bejgħ ma jkunux ottimali, jew l-aħjar li jistgħu jingiebu fis-suq, xorta waħda l-bejgħ irid isir; il-linja trid tinqata' u tinqata' malajr. Altrimenti jiġi mminat l-iskop kollu tal-precitat artikolu 495A tal-Kap 12."

Hekk magħduda l-prinċipji ewlenin li jemanu mill-ġurisprudenza, jeħtieġ li l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti jiġu mistħarrġa fid-dawl tal-liġi kif ukoll tal-ġurisprudenza.

**L-Ewwel Eċċezzjoni.**

**Gia hemm kawza pendenti bejn ir-rikorrent Victor Caruana u martu l-intimata Marianne Caruana, kawza ta' separazzjoni, fejn parti mill-**

---

[1] Ara wkoll **David Abela noe vs. Dr. Simon Micallef Stafrace noe** (Ċit Nru 1177/2010MC) deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-30 ta' Ġunju 2011.

[2] Ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 t'Ottubru 2017. Ara wkoll **Shirley Cardona et vs. Victor Bonanno (**Rik Nru 600/15LM) deċiża mill-Prim'Awla fl-4 t'April 2016.

**mertu huwa id-divizzjoni tas-sehem indiviz taghhom fl-immobbli mertu tal-kawza odjerna;**

Huwa minnu li r-rikorrent Victor Caruana u l-intimata martu Marianne Caruana ghandhom kawza ta' separazzjoni personali pendenti; pero' huwa minnu wkoll li tali kawza ma hiex ta' xkiel jew impediment sabiex il-kawza odjerna tiprosegwi sat-tmiem tagħha. Il-kawza tas-separazzjoni ta' bejn il-konjugi Caruana kienet tkun ta' impediment proċedurali għall-kawża odjerna kieku l-uniċi sidien taż-żewġ plots de quo kienu l-istess l-konjuġi Caruana. Pero' dan ma hux il-każ u għalhekk ma jistax jingħad illi jeżisti l-impediment kontemplat fl-artikolu 495A (1).

Fl-istess ħin jingħad ukoll illi jekk il-Qorti ser tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu akkolti, ser jiġu imposti numru ta' kondizzjonijiet fosthom illi s-sehem tal-konjuġi Caruana mir-rikavat tal-bejgħ taż-żewġ plots jiġi depożitat taħt l-Awtorita' tal-Qorti pendenti l-eżitu finali tal-kawża ta' separazzjoni personali imsemmija sabiex l-ispartizzjoni ta' dawk il-fondi isir mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li qed tipresjedi l-kawża ta' bejn il-konjuġi Caruana.

Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

**It-Tieni Eċċezzjoni**.

**Illi l-Artikolu 495A ma hux intiz ghall-bejgh ta' sehem indiviz minn proprjeta' immobiljari izda huwa intiz ghall-bejgh tal-proprjeta' komuni fl-intier taghha;**

Artikolu 495A (1) jirreferi għal "xi ħaġa [li] tkun inżammet in komun". Fil-kawża fl-ismijiet **Busy Bee Estates Limited vs. Anthony Formosa et**[3] din il-Qorti diversament preseduta spjegat li:-

[3] Ċit Nru 651/2007MC deċiża mill-Prim'Awla fl-20 ta' Novembru 2008.

"Il-qorti tosserva illi din hija proċedura straordinarja li, effettivament, hija forma ta' esproprjazzjoni. Għaldaqstant **id-dispożizzjonijiet relativi għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta** kompatibbli mal-ħsieb tal-liġi u mal-ħtieġa li jitħarsu wkoll l-interessi ta' dawk mill-komproprjetarji li ma jridux ibigħu."[4]

Tal-istess fehma kienet il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Helen Zammit et vs. Madeleine Muscat et**[5] fejn ġie meqjus li

"proċedura mnedija taħt l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili timplika minnha nnifisha **t-trasferiment ta' beni sħiħ u mhux ta' ishma mxerrda**. Huwa minħabba f'hekk ukoll li din il-proċedura speċjali titlob li jkun hemm fil-kawża s-sidien kollha tal-ġid partikolari mertu tagħha, u dan sabiex l-ordni li jingħata mill-Qorti li tapprova t-trasferiment ta' dak il-ġid ikun wieħed li jorbothom ilkoll u li joħloq bejniethom iċ-ċertezza tal-kundizzjonijiet espliċiti li bis-saħħa tagħhom iseħħ tali trasferiment;"[6]

Fil-kawża **Gordon Grima Baldacchino et vs. Angela magħrufa Gillian Gauci Borda et** (Ċit Nru 1260/2010MC) deċiża fit-30 ta' Ġunju 2011 il-Qorti Ċivili Prim' Awla għal talba ta' bejgħ ta' parti mill-ishma kienet ikkonkludiet li:-

"Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti cioe illi t-talba ghal bejgh kif impostata cioe' ta' kwota indiviza biss u mhux il-bejgh tal-proprjeta kollha naxxenti minn talba bejn il-komproprjetarji kollha ghandha tigi milqugha."

Fil-kawza odjerna pero', ghalkemm ir-rikorrenti qed jitolbu li l-Qorti tordna l-bejgh tas-sehem indiviz tal-intimata fl-immobbli de quo, tali talba qed issir fl-isfond tal-konvenju li r-rikorrenti iffirmaw fil-15 ta' Marzu 2018 dwar l-intier taz-zewg plots li fihom l-intimata ghandha sehem

[4] Enfasi miżjud.
[5] Rik Nru 327/2016 deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t'Ottubru 2018.
[6] Enfasi miżjud.

indiviz, li flimkien mas-sehem indiviz tar-rikorrenti, jammonta ghall-intier taz-zewg plots. Fil-verita' ma hux mehtieg l-ordni tal-Qorti sabiex ir-rikorrenti ibieghu is-sehem indiviz taghhom bil-kondizzjonijiet minnhom stipulati fil-konvenju de quo. L-ordni tal-Qorti hi mehtiega biss fir-rigward ta' dak is-sehem appartenenti lil dak il-ko proprjetarju minoritarju illi ma jkunx qed jaqbel mal-ko proprjetarji l-ohra li jinbiegh l-oggett mizmum in komun.

Naturalment jekk ser jiġi ordnat il-bejgħ forzat tas-sehem indiviż tal-intimata, tali bejgħ ser ikun kondizzjonat li jsir kontestwalment mal-bejgħ tas-sehem indiviż tar-rikorrenti kollha.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Ikkonsidrat;

**It-Tielet Eċċezzjoni.**

**Illi l-gudizzju ma hux integru ghaliex ix-xerrej prospettiv ma hux parti f'dawn il-proceduri**.

Din l-eċċezzjoni ma hiex fondata. Is-sub inċiż 3 tal-Artikolu 495A jipprovdi illi:-

"(3) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-komproprjetarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ kif ukoll lill-kuraturi li jiġu maħturamill-qorti biex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji majkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-reġistratur għandujara li kopja tar-rikors tiġi pubblikata fil-Gazzetta u f'ġurnalwieħed ta' kuljum."

Ma hux provdut li jrid jiġi wkoll notifikat lix-xerrej prospettiv. Fil-verita' minn qari tal-Artikolu 495A ma jirriżultax illi sabiex tali proċedura tiġi intavolata huwa meħtieġ li jkun hemm ġia xerrej prospettiv.

Filwaqt li huwa meħtieġ li l-ko proprjetarji kollha jkunu parti fil-proċeduri ġudizzjarji ai termini tal-Artikolu 495A, mhux l-istess fir-rigward tal-akwirent prospettiv.

Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

**Ir-Raba' Eċċezjoni**.

**Illi l-bejgh propost u l-kundizzjonijiet marbuta mieghu jippregudikaw gravement lill-intimata senjatament ghaliex fost l-ohrajn l-immobbli de quo jista' jgib prezz ahjar fis-suq; illi t-terminu tal-konvenju de quo huwa wiehed twil u ma jirriflettix il-potenzjal tal-istess proprjeta'**;

Il-Qorti innominat perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-valur tal-immobbli mertu tal-kawza. Ir-rapport peritali jinsab a fol. 51 tal-proċess minn fejn jirriżulta illi fil-jum tal-konvenju l-valur fis-suq tal-immobbli mertu tal-kawża odjerna kien ta' €972,000, valur li jeċċedi dak indikat fil-konvenju li ffirmaw l-attur bis-somma ta' €42,000, somma li ma hiex insinifikanti.

Matul it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet, il-legali tal-atturi iddikjara illi l-istess atturi kif ukoll ix-xerrej prospettiv kienu disposti illi jersqu għall-kuntratt ta' bejgħ billi sehem il-konvenuta jiġi kalkulta skond l-istima li għamel il-perit tekniku.

Mill-apprezzament tal-provi imressqa il-Qorti ma tqisx illi jekk sehem il-konvenuta jinbiegħ skond l-istima mogħtija mill-perit tekniku hija ser tkun gravement preġudikata.

Dwar it-tul tal-konvenju de quo, sentejn, il-Qorti tqis illi tali terminu kien meħtieġ peress illi il-partijiet li dehru fuqu kienu konsapevoli illi l-kuntratt ma jistax jiġi ppubblikat jekk ma jkunux ġew konklużi l-proċeduri ġudizzjarji li gew kontemplati fl-istess konvenju. Il-Qorti ma tqisx illi

sentejn kien terminu twil iżżejjed tenut kont iż-żmien meħtieġ sabiex kawża kontestata, bħal dik odjerna, tinħtieġ sabiex tasal fi tmimha.

Għalhekk il-Qorti tqis din l-eċċezzjoni bħala infondata, filwaqt li fid-decide ser tieħu ħsieb illi tistabbilixxi terminu li fih il-kuntratt għandu jiġi ppubblikat.

**Il-Ħames Eċċezzjoni**.

**Illi l-intimata ma gietx avvicinata qabel gew intavolati dawn il-proceduri rigward il-bejgh ta' din il-proprjeta' u ghalhekk m'ghandiex tbati spejjez**.

Fl-affidavit tagħha[7] l-konvenuta tixhed illi l-atturi ma involvewha xejn fin-negozjati max-xerrej prospettiv, la fir-rigward tal-prezz u lanqas fir-rigward taż-żmien tal-konvenju. Mill-banda l-oħra Brian Azzopardi, ix-xerrej prospettiv xhed b'affidavit [8] illi huwa kellem lill-konvenuta diversi drabi u jgħid li l-konvenuta kienet tgħidlu li taqbel mal-prezz tal-bejgħ pero' ma riditx tersaq peress li kienet beżana li appena jiġi ffirmat il-kuntratt żewġha jintavola sekwestru kawtelatorju kontra tagħha fuq sehemha mir-rikavat. Ma sar l-ebda kontro eżami la tal-konvenuta u lanqas tax-xhud imsemmi u għalhekk il-Qorti ma kelliex l-opportunita' li tisma' xhieda viva voce fir-rigward. Fi kwalunkwe każ, id-difiża li għamlet il-konvenuta matul il-kawża, fosthom il-pretensjoni tagħha li l-immobbli de quo jista' jinbiegħ għall-prezz superjuri għal dak indikat fil-konvenju, sew għal dak stabbilit mill-perit tekniku. Huwa evidenti għall-Qorti illi l-prospett li l-partijiet jaslu fi ftehim kien remot ħafna; il-fatt li l-partijiet baqgħu ma jaqblux dwar il-prezz anke wara li ġiet ippreżentata r-relazzjoni tal-perit tekniku hija indikazzjon ċara illi l-unika triq 'il quddiem li kienet disponibbli kienet proprju l-kawża odjerna.

Għalhekk anke din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

---

[7] Paġna 34 tal-proċess
[8] Paġna 25 tal-proċess

**Is-Sitt Eċċezzjoni.**

**Illi dejjem kien hemm ir-rimedju tad-divizzjoni fizika tal-proprjeta' skond il-ligi**.

Illi l-konvenuta ma resqet l-ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni. Fi kwalunkwe każ għandu jingħad illi l-Artikolu 495A ma jiprovdiex li l-proċedura hemm kontemplata ma hiex disponibbli jekk l-immobbli jista' jiġi diviż mod ieħor. Li jipprovdi huwa illi l-maggoranza tal-ko proprjetarji ma jistgħux jirrikorru għal din il-proċedura jekk ikun hemm ġia kawża għad-diviżżjoni tal-proprjeta' miżmuma in komun. Jekk l-ebda proċedura għal diviżżjoni ma tkun ġiet intavolata, il-possibilita' ta' diviżżjoni minflok bejgħ ma hiex waħedha impediment għall-proċedura odjerna.

Fi kwalunkwe każ, l-istess konvenuta ma kellha l-ebda impediment legali li tistitwixxi hi, qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna, kawża għad-diviżżjoni. Dan m'għamlitux u għalhekk ma tistax issa tressaq tali possibilita' bħala difiża fil-kawża odjern.

Għalhekk anke din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

Filwaqt li l-Qorti tqis illi ma rriżultat l-ebda raġuni għaliex għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bil-ħsieb li tissalvagwardja id-drittijiet tal-partijiet kollha,, hija ser timponi numru ta' kondizzjonijiet relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tichad in parte u tilqa' in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenuta

konfermement ma' dak hawn fuq deciz , u tilqa' in parte u tichad in parte t-talbiet attrici bil-mod segwenti:

1. Tilqa' parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti billi tawtorizza l-bejgħ tal-fondi 238 u 239 mill-artijiet maghrufa bhala Tal-Hawlija ossija Tal-Masrija jew Tas-Salib fil-limiti tal-Mellieha fi Triq il-Garzella kantuniera ma' Triq il-Fortizza, tal-kejl ta' cirka 437.25 m.k. liberu u frank, bil-kondizzjonijiet segwenti;

> (i) Illi sehem il-konvenuta mir-rikavat tal-prezz għandu jkun kwart tas-somma ta' disa' mija u tnejn u sebgħin elf ewro (€972,000) kif stabbilit mill-perit tekniku b'dan illi l-konvenuta u l-kuratriċi deputata aktar 'l isfel nominata, ma humiex marbuta li jersqu fuq il-kuntratt ta' bejgħ jekk fl-istess ħin ma jinbiegħx ukoll is-sehem kollu miżmum mill-attturi fl-immobbli de quo ai termini tal-konvenju tal-15 ta' Marzu, 2018;
>
> (ii) Illi tordna lin-Nutar Sam Abela sabiex jassigura illi mhux aktar tard minn gimgha mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt, sehem l-attur Victor Caruana u sehem il-konvenuta Marianne Caruana, wara li jitnaqqsu l-ispejjez u d-dritttijiet relativi, jigu depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti pendenti l-ezitu finali tal-kawza ta' separazzjoni pendenti ta' bejniethom;

2. Tinnomina bħala kuratriċi deputata sabiex tirrappreżenta lil min mill-vendituri ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ kif fuq deċiz lil Dr Lara Cassar bis-soliti fakoltajiet;

3. Tilqa' r-raba' u l-ħames talba u tordna li l-kuntratt tal-bejgħ tal-immobbli fl-intier tagħhom għandu jiġi ppubblikat min-Nutar Sam Abela fil-15 ta' jannar 2021 fil-11.00 a.m. fl-edifiċju tal-Qorti;

Bl-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal kwart (1/4) mill-konvenuta u tlett kwarti (3/4) mill-atturi kalkulat skond is-sehem rispettiv tal-partijiet mill-immobbli de quo b'dan illi l-konvenuta għandha tħallas l-ispejjeż minnha dovuti lill-atturi mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ hawn awtorizżat u mhux qabel.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
26 ta' Novembru, 2020

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**